

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/679**tad-29 ta' April 2015****li jissospendi t-tressiq tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-ħażna privata għal-laħam tal-majjal
prevista fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/360**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 826/2008 tal-20 ta' Awwissu 2008 li jipprovdri regoli komuni għall-għotja ta' għajnuna għall-ħażna privata ta' ċerti prodotti agrikoli ⁽²⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 23(3)(a) u (c) tiegħu,

Billi:

- (1) Analiżi tal-qagħda tas-suq u tal-użu tal-iskema ta' għajnuna għall-ħażna privata tal-laħam tal-majjal prevista fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/360 ⁽³⁾ jagħtu lok għall-possibbiltà li l-iskema tingħalaq. Il-Kummissjoni beħsiebha tibgħat ir-Regolament rispettiv tal-għeluq lill-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli biex dan jagħtiha l-opinjoni tiegħu dwaru. Madankollu, din l-intenzjoni fiha nfisha għorr ir-riskju li jkun hemm għadd kbir wisq ta' applikazzjonijiet għall-iskema ta' għajnuna.
- (2) Għalhekk, jeħtieġ li jiġi sospiż it-tressiq tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna prevista fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/360 u li jiġu rrifjutati ċerti applikazzjonijiet li tressqu qabel il-perjodu ta' sospensjoni.
- (3) Sabiex tiġi evitata l-ispekulazzjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-applikazzjoni tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/360 għandha tiġi sospiża għall-perjodu mit-2 ta' Mejju 2015 sat-8 ta' Mejju 2015. L-applikazzjonijiet għall-konklużjoni tal-kuntratti li tressqu matul dan il-perjodu m'għandhomx jintlaqgħu.

2. L-applikazzjonijiet li jitressqu mid-29 ta' April 2015 'il quddiem, li d-deċiżjoni dwar l-aċċettazzjoni tagħhom tkun ittieħdet matul il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, għandhom jiġu rrifjutati.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 223, 21.8.2008, p. 3.⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/360 tal-5 ta' Marzu 2015 li jiftaħ il-ħażna privata għal-laħam tal-majjal u li jiffissa bil-quddiem l-ammont ta' għajnuna (ĠUL 62, 6.3.2015, p. 16).